

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Strateġija tal-UE dwar il-ħamrija għall-2030 — Ingawdu l-benefiċċji ta’ ħamrija b’saħħitha għan-nies, l-ikel, in-natura u l-klima”

(COM(2021) 699 final)

(2022/C 290/21)

Relatur: **Arnaud SCHWARTZ**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 20.12.2021
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adottata fis-sezzjoni	8.3.2022
Adottata fil-plenarja	23.3.2022
Sessjoni plenarja Nru	568
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	169/0/5

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat jilqa’ l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar Strateġija dwar il-Ħamrija għall-2030 u jixtieq ikun infurmat regolarment u jikkontribwixxi b’mod attiv għat-tħejija tal-proposta għall-protezzjoni tal-ħamrija.

1.2. Il-ħamrija hija assi ekonomiku u ambjentali strateġiku u mhedd, u jixirqilha qafas ta’ miri, programmi u regolamenti. Il-Kumitat ihegġegħ lill-Kummissjoni tippromovi qafas legali Ewropew li jkun effettiv fil-prevenzjoni tad-degradazzjoni tal-ħamrija, li jappoġġja programmi ta’ restawr u li jistabbilixxi l-pjan direzzjonali lejn stat tajjeb ta’ saħħa tal-ħamrija. Il-Kumitat jitlob ukoll l-allokazzjoni meħtieġa tar-riżorsi mill-baġit Ewropew għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar il-Ħamrija.

1.3. Għall-implimentazzjoni tal-istrateġija, il-Kummissjoni tipprevedi l-adozzjoni ta’ Liġi dwar is-Saħħa tal-Ħamrija. Madankollu, il-KESE jirrakkomanda li titwettaq il-valutazzjoni tal-impatt ippjanata, u li wara tittieħed deċiżjoni dwar l-aktar strumenti adatti. Il-KESE jirrakkomanda wkoll li l-qafas jibni fuq il-prinċipji li ġejjin, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti għall-partijiet interessati kollha li joperaw fis-setturi ekonomiċi marbuta mal-ħamrija u l-użu tagħha:

- li tingħata definizzjoni ċara ta’ “ħamrija b’saħħitha”, indikaturi u valuri ta’ limitu żviluppati fuq bażi xjentifikament soda;
- li jiġu stabbiliti miri ċari għall-2030 ibbażati fuq id-definizzjoni ta’ “ħamrija b’saħħitha”;
- li jiġi żgurat livell adegwat ta’ protezzjoni ambjentali u azzjoni klimatika;
- ir-rispett sħiħ tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, minħabba l-eteroġeneità tal-ħamrija, il-varjetà ta’ użi u domandi għall-użu, il-kundizzjonijiet ġeoloġiċi, klimatiċi u tal-pajsaġġ differenti, kif ukoll il-perikli differenzjati u r-regoli nazzjonali diġà fis-seħħ;
- li l-miżuri dwar l-edukazzjoni, il-konsulenza, it-trasferiment tal-għarfien u l-inċentivi għall-ħarsien tal-ħamrija jingħataw prijorità aktar minn obbligi legali addizzjonali
- li l-piż amministrattiv għall-atturi kollha jinżamm f’livell raġonevoli, filwaqt li tiġi żgurata l-affordabbiltà tiegħu.

1.4. Il-Kumitat jirrakkomanda li ssir l-aktar diskussjoni wiesgħa possibbli, mal-atturi ekonomiċi u soċjali kif ukoll mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, dwar il-kontenut tal-inizjattiva leġislattiva. Għal din ir-raġuni, il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta mill-aktar fis possibbli, sabiex tippermetti żmien għad-diskussjoni qabel il-votazzjoni fuq it-test fil-mandat leġislattiv attwali.

1.5. Il-Kumitat jenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-aspetti kollha tad-degradazzjoni tal-ħamrija, b'enfasi speċjali fuq is-suġġetti dwar il-kontaminazzjoni tal-ħamrija, it-teħid tal-art għall-iżviluppi u l-infrastruttura urbani, u t-tnaqqis tal-materja organika fil-ħamrija agrikola, peress li dawn il-fenomeni għandhom impatt partikolarment profond u potenzjalment irriversibbli fuq is-saħħa tal-ħamrija u l-kapaċità tagħha li tipprovdi servizzi tal-ekosistema.

1.6. Hemm diversità kbira ta' ħamrija fl-Ewropa, li tirrifletti d-differenzi fil-klima, il-ġeoloġija u l-użu tal-art; it-theddid li għalih hija esposta l-ħamrija jvarja wkoll fit-tip u fl-intensità, għalhekk il-politiki żviluppati sabiex tiġi evitata d-degradazzjoni tal-ħamrija jeħtieġu adattament għal kuneżi ġeografiċi u kulturali differenti. Il-leġiżlazzjoni għall-ħarsien tal-ħamrija fl-Istati Membri hija eteroġena u frammentata, u ħafna theddiet għall-ħamrija mħumiex indirizzati mill-oqfsa ta' politika u leġiżlattivi ta' diversi Stati Membri.

1.7. Il-Kumitat jindika wkoll il-ħtieġa kruċjali u urġenti li jiġu indirizzati l-impatti kkawżati mill-bniedem fuq il-ħamrija minħabba t-tibdil fil-klima. Għalhekk, il-Kumitat jirrakkomanda bil-qawwa li fl-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar il-ħamrija jiġu integrati azzjonijiet kontra l-erożjoni u d-deżertifikazzjoni b'rabta ma' għargħar estrem, nixfiet u nirien.

1.8. Il-Kumitat jesprimi tħassib kbir dwar it-teħid tal-art ikkawżat minn proċessi ta' urbanizzazzjoni li, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, jaffettwaw il-ħamrija fertili tal-pjanuri u taż-żoni kostali. L-għan ta' "teħid nett zero ta' art" li għandu jiġi segwit sal-2050, għandu jkun akkumpanjat minn inċentivi li jinkoraġġixxu l-użu mill-ġdid ta' siti abbandunati u r-restawr ta' superfiċji impermeabbli mhux użati.

1.9. Il-Kumitat iqis li, b'mod konsistenti mal-isfida ta' ekonomija ċirkolari u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, is-salvagwardja tal-produttività ekoloġika tal-ħamrija Ewropea hija prijorità, u b'hekk titnaqqas l-impronta tad-domanda tal-UE fir-rigward ta' pajjiżi terzi. Huwa jqis bħala prijorità assoluta l-finalizzazzjoni tal-inizjattivi għal garanziji ta' ebda deforestazzjoni fil-kummerċ internazzjonali.

2. Sfond

2.1. Fl-20 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni ppubblikat il-proposta tagħha għal Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030. Din il-Komunikazzjoni tenfasizza li l-ħamrija hi riżorsa estremament importanti li mhix rinnovabbli, u li hi vitali għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa ekonomika, u għall-produzzjoni tal-ikel u ta' mediċini ġodda⁽¹⁾, u tisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi indirizzat it-teħid tal-art u li jiġu rrestawrati l-ekosistemi tal-ħamrija. Din tħabbar l-impenn tal-Kummissjoni li taġġorna l-Istrateġija Tematika dwar il-ħamrija fl-2021 u li tiffirma missjoni fil-qasam tas-saħħa tal-ħamrija u l-ikel taħt l-Orizzont Ewropa, sabiex jiġu żviluppati soluzzjonijiet għar-restawr tas-saħħa u l-funzjonijiet tal-ħamrija.

2.2. Fit-28 ta' April 2021, il-Parlament Ewropew adotta Riżoluzzjoni dwar il-protezzjoni tal-ħamrija, li tisħaq fuq il-ħtieġa li l-ħamrija tal-Ewropa tiġi protetta, ġestita b'mod sostenibbli u rrestawrata, li jiġu ppreservati r-rwol u l-kapaċità multifunzjonali tagħha li tappoġġja l-produzzjoni ta' ikel u materja prima tajbin għas-saħħa, u li tipprovdi lis-soċjetà b'għadd kbir ta' servizzi tal-ekosistema. Ir-Riżoluzzjoni tenfasizza li ħamrija b'saħħitha hija essenzjali sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, inklużi n-newtralità klimatika u r-restawr tal-bijodiversità. Din tilmenta wkoll dwar in-nuqqas ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' komptezzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward tas-sistemi differenti tagħhom tal-protezzjoni tal-ħamrija, u tistieden lill-Kummissjoni "tfassal qafas legali komuni madwar l-UE kollha, b'rispett sħiħ għall-prinċipju tas-sussidjarjetà, għall-protezzjoni u l-użu sostenibbli tal-ħamrija".

2.3. Fid-9 ta' Ġunju 2021, il-Parlament Ewropew laqa' l-Istrateġija Ewropea għall-Bijodiversità proposta għall-2030, u approva riżoluzzjoni li fiha, fost kważi 200 rakkomandazzjoni, ir-rwol ċentrali tal-bijodiversità tal-ħamrija huwa enfasizzat ħafna. Il-Parlament Ewropew jerġa' jħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għall-istabbiliment ta' qafas legali komuni għall-protezzjoni tal-ħamrija u għall-"integrazzjoni effettiva" ta' din il-protezzjoni fil-politiki rilevanti kollha tal-UE. Fir-Riżoluzzjoni tiegħu, il-Parlament Ewropew jirrimarka wkoll li "l-UE impenjat ruħha li tikseb in-newtralità tad-degradazzjoni tal-art sal-2030, [...] iżda li din il-mira x'aktarx ma tintlaħaq", kif konkluż minn rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri⁽²⁾.

⁽¹⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, 2020, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52020DC0380>

⁽²⁾ Rapport Speċjali tal-QEA 33/2018: *Il-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni fl-UE: theddida dejjem akbar li tirrikjedi azzjoni addizzjonali*.

2.4. Fis-17 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni ppubblikat, bħala parti mill-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità, il-proposta tagħha għal Strateġija tal-UE dwar il-ħamrija għall-2030, bit-titolu "Ingawdu l-benefiċċji ta' ħamrija b'saħħitha għan-nies, l-ikel, in-natura u l-klima".

2.5. Il-proposta tal-Kummissjoni tagħgħorna l-Istrateġija preċedenti dwar il-ħamrija, f'konformità mal-missjoni strateġika tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, biex jiġi indirizzati l-kriżijiet klimatiċi u tal-bijodiversità u biex tiġi sostnuta ambizzjoni tal-UE għal azzjoni globali dwar il-ħamrija.

2.6. L-istrateġija għandha l-għan li tagħti kontribut deċiżiv għall-kisba ta' ħafna objettivi tal-Patt Ekoloġiku, inkluż: il-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni u r-restawr ta' art u ħamrija degradati, u l-isforz biex tinkiseb dinja newtrali għad-degradazzjoni tal-art sal-2030 (l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) 15.3); il-kontribut għat-tneħħija tal-gassijiet serra; il-kisba ta' status ekoloġiku u kimiku tajjeb fl-ilmijiet tal-wiċċ u ta' taħt l-art sal-2027; it-tnaqqis tat-telf tan-nutrijenti b'50 % u l-użu ġenerali u r-riskju tal-pestiċidi b'50 % sal-2030; it-tnaqqis tat-tneħħis tal-ħamrija għal livelli li ma għadhomx jitqiesu bħala ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem u għall-ekosistemi naturali, u b'hekk jinħoloq ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi sal-2050; u l-kisba tal-ebda teħid ta' art nett sal-2050⁽³⁾.

2.7. L-istrateġija tistabbilixxi definizzjoni ta' "ħamrija b'saħħitha," li tfisser ħamrija li tkun f'kundizzjoni kimika, bijoloġika u fiżika tajba, u b'hekk tkun tista' tipprovdi b'mod kontinwu l-akbar numru possibbli tas-servizzi tal-ekosistema mistennija tagħha, bħall-provvista tal-ikel u tal-bijomassa, il-ħżin u l-filtrazzjoni tal-ilma, iċ-ċikli tan-nutrijenti minerali, l-appoġġ għall-ħajja u l-bijodiversità, il-ħżin tal-karbonju, u l-appoġġ għall-attivitajiet tal-bniedem, il-pajsaġġi u l-wirt kulturali. Din id-definizzjoni hija konsistenti ma' dik ipprovduta mill-organizzazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti⁽⁴⁾. Fil-viżjoni stabbilita fl-istrateġija, għandha tinkiseb saħħa tajba tal-ħamrija sal-2050, permezz ta' impenji għall-użu sostenibbli tal-art u l-isforzi ta' restawr: il-Kummissjoni Ewropea stmat li, bħalissa, 60 % sa 70 % tal-ħamrija tal-UE mhijiex b'saħħitha minħabba l-prattiki attwali ta' ġestjoni, b'differenzi kbar bejn pajjiżi differenti⁽⁵⁾; madankollu, objettiv ta' 75 % ta' ħamrija b'saħħitha permezz ta' bidla radikali fil-prattiki attwali ta' ġestjoni tal-art, huwa kemm fattibbli kif ukoll meħtieġ⁽⁶⁾.

2.8. L-istrateġija għandha l-għan li tiżgura l-istess livell ta' protezzjoni għall-ħamrija bħal dak għall-ilma u l-arja, u li jingħeleb in-nuqqas ta' leġislazzjoni dwar il-ħamrija fil-livell tal-UE. Għalhekk hija ħabbret Liġi dwar is-Saħħa tal-ħamrija li għandha tiġi abbozzata sal-2023, wara li jsiru valutazzjoni tal-impatt, analiżi tas-sussidjarjetà u konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u mal-Istati Membri. Il-Liġi l-ġdida dwar is-Saħħa tal-ħamrija għandha tindirizza l-impatti transfruntiera tad-degradazzjoni tal-ħamrija u tiżgura l-koerenza tal-politika fil-livelli tal-UE u dawk nazzjonali sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-istrateġija.

2.9. L-istrateġija tinkludi taħlita ta' miżuri volontarji u legalment vinkolanti ġodda, li għandhom jiġu żviluppati b'rispett sħiħ tas-sussidjarjetà u li jibnu fuq il-politiki nazzjonali eżistenti dwar il-ħamrija mfassla biex:

- isaħħu l-protezzjoni tal-ħamrija organika u tat-torbiera;
- jappoġġjaw l-inizjattiva tal-Kummissjoni għal ċikli sostenibbli tal-karbonju, inkluż billi jippremjaw il-prattiki tas-sekwestru tal-karbonju fil-ħamrija agrikola;
- jappoġġjaw l-użu mill-ġdid ta' ħamrija skavata, inkluż l-introduzzjoni ta' "passaport" biex jiġi żgurat li din tiġi ttrasportata, ittrattata u użata mill-ġdid b'mod sikur;
- jirrikjedu li l-Istati Membri jistabbilixxu, sal-2023, miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-art meħuda minn insedjamenti u infrastruttura ġodda, f'konformità mal-għan ta' "l-ebda teħid tal-art nett" sal-2050, u l-introduzzjoni ta' ġerarkija għall-użu aħjar tal-ħamrija urbana, li tipprijoritizza l-użu mill-ġdid tal-ambjent mibni u t-tneħħija gradwali tal-benefiċċji fiskali lokali għat-trasformazzjoni urbana tal-art agrikola;

⁽³⁾ L-istrateġija tirreferi għall-ħamrija bħala s-sistema kumplessa u bijoloġikament attiva (pedosfera) li tappoġġja l-veġetazzjoni terrestri, li tinsab fl-interfaċċja bejn il-litosfera u l-atmosfera u li tinteraġixxi mal-idrosfera. Din ma tinkludix sedimenti tal-baħar u tal-lagi. Skont il-komunikazzjonijiet tal-FAO, il-ħamrija hija l-bażi ta' 95 % tal-produzzjoni dinjija tal-ikel.

⁽⁴⁾ *Healthy soils are the basis for healthy food production* (ħamrija b'saħħitha hija l-bażi għall-produzzjoni tal-ikel tajjeb għas-saħħa), FAO 2015, <https://www.fao.org/documents/card/en/c/645883cd-ba28-4b16-a7b8-34babbb3c505/> (mhux disponibbli bil-Malti)

⁽⁵⁾ Il-Kummissjoni Ewropea 2020, *Caring for soil is caring for Life, Report of the Mission Board for Soil Health and Food* (Nibżgħu għall-ħamrija biex nibżgħu għall-ħajja, ir-Rapport tal-Bord tal-Missjoni għas-Saħħa tal-ħamrija u l-ikel), 2020, (mhux disponibbli bil-Malti) <https://op.europa.eu/en/web/eu-law-and-publications/publication-detail/-/publication/32d5d312-b689-11ea-bb7a-01aa75ed71a1>

⁽⁶⁾ Ibidem.

- jippromovu r-riċiklaġġ ta' materja organika bħall-kompost, id-diġestat, il-ħama tad-dranaġġ, id-demel ipproċessat u residwi agrikoli oħrajn, b'mod sikur u sostenibbli;
- jivvalutaw, jipproteġu u jirrestawraw il-bijodiversità tal-ħamrija;
- jintegraw u jikkoordinaw il-ġestjoni tal-ħamrija u tal-ilma u jippromovu l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għall-ġestjoni tal-ilma tax-xita u tal-ilma tal-wieċ;
- jappoġġjaw il-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija fl-agrikoltura;
- jimmonitorjaw ix-xejriet tad-deżertifikazzjoni u jadottaw miżuri biex tiġi mmitigata u evitata d-degradazzjoni tal-ħamrija;
- jipprevjenu t-tniġġis tal-ħamrija billi jirregolaw u jillimitaw l-użu u r-rilaxx ta' mikroplastiki, sustanzi polifluworoalkilati (PFAS) u sustanzi kimiċi tossiċi oħrajn fil-ħamrija;
- jikkoperaw mal-Istati Membri biex jidentifikaw siti kkontaminati u jirrimedjawnhom;
- jivvalutaw il-fattibbiltà tal-introduzzjoni ta' ċertifikat tas-saħħa tal-ħamrija għat-tranżazzjonijiet tal-art;
- itejbu l-attivitajiet ta' monitoraġġ tal-ħamrija u l-adozzjoni ta' għodod diġitali għall-ġestjoni tan-nutrijenti;
- jiffinanzjaw sostanzjalment l-attività ta' riċerka dwar il-bijodiversità tal-ħamrija u s-soluzzjonijiet għad-degradazzjoni u l-kontaminazzjoni tal-ħamrija;
- jikkomunikaw, jedukaw u jinvolvu liċ-ċittadini biex tiġi promossa s-saħħa tal-ħamrija.

2.10. Fl-Opinjoni tiegħu tal-2017, NAT/713, bit-titolu *L-użu tal-art għall-produzzjoni tal-ikel sostenibbli u s-servizzi tal-ekosistema*, il-KESE qabel dwar l-importanza deċiżiva ta' qafas ta' politika aġġornat tal-UE għall-użu sostenibbli u l-protezzjoni tal-ħamrija, li b'mod partikolari jirreferi għall-ħamrija agrikola, jinkludi definizzjoni ta' status tajjeb tal-ħamrija u t-terminoloġija uniformi u l-kriterji armonizzati għall-monitoraġġ, u talab biex il-prinċipji ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija jiġu inkorporati fil-miżuri ta' politika tal-UE.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-Kumitat jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni ta' Strateġija Ewropea dwar il-Ħamrija għall-2030, li hija stabbilita sew fuq il-qafas tal-Patt Ekoloġiku u l-viżjoni tiegħu biex it-teddid tat-tibdil fil-klima, it-telfien tal-bijodiversità u d-degradazzjoni ambjentali jinbidlu f'opportunità biex l-UE tinbidel f'economija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva.

3.2. Il-Kumitat jirrikonoxxi r-rwol strateġiku li għandha l-ħamrija b'saħħha li, fl-intier u d-diversità tagħha, tikkostitwixxi wieħed mill-aktar assi naturali importanti li ċ-ċittadini jistgħu jiddependu minnu għall-benesseri u s-sigurtà tagħhom.

3.3. Il-Kumitat huwa konxju li l-ħamrija hija riżorsa unika u limitata, mhedda minn firxa ta' pressjonijiet. Id-degradazzjoni tal-ħamrija u t-telf assoċjat tal-fertilità jistgħu jikkontribwixxu għall-impronta Ewropea fuq il-ħamrija globali, li twassal għal dipendenza akbar mill-importazzjonijiet ta' materja prima tal-ikel u mhux tal-ikel minn pajjiżi terzi li fihom iż-żieda fil-kultivazzjoni b'metodi mhux xierqa jwassal għal proċessi ta' degradazzjoni tal-art, assoċjati mad-deforestazzjoni u mal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

3.4. Il-Kumitat jenfasizza r-rekwiżit u l-ħtieġ assoluti li jiġu ffinalizzati l-inizjattivi għal garanziji ta' ebda deforestazzjoni fil-kummerċ ma' pajjiżi terzi, u jqis li, b'mod konsistenti mal-isfida tal-ħolqien ta' ekonomija ċirkolari u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, it-tnaqqis tal-impatt tad-domanda interna billi tiġi ssalvagwardjata u rrestawrata l-produttività ekoloġika fit-tul tal-ħamrija Ewropea, huwa prijorità. Użu aktar sostenibbli tal-ħamrija, ibbażat fuq il-prinċipji tal-agroekoloġija, jista' jagħmel differenza kbira, kemm fuq l-iskala Ewropea kif ukoll fuq dik globali, fil-kisba tal-miri tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-SDGs tal-Aġenda 2030 tan-NU.

3.5. Jeħtieġ li jingħeleb il-kunċett reduzzjonist tal-ħamrija bħala sempliċi pjattaforma għall-insedjamenti u għall-attività: peress li l-ħamrija hija sistema bijotika kumplessa li minnha jiddependi l-forniment ta' servizzi tal-ekosistema u ta' oġġetti essenzjali, il-ġestjoni tagħha tirrikjedi governanza xierqa, inkluż il-ġestjoni mis-sid u l-utent tal-art, ir-responsabbiltà tal-amministraturi lokali, u r-rwol tal-gvernijiet nazzjonali. Hija meħtieġa tmexxija Ewropea, peress li l-isfidi tas-sigurtà tal-ikel, il-ħżin tal-ilma, il-konservazzjoni tal-bijodiversità u r-rispons għat-tibdil fil-klima huma relatati strettament ma' ġestjoni tajba tal-ħamrija.

3.6. Il-Kumitat jenfasizza l-ħtieġa li l-Istrateġija dwar il-Ħamrija tuża metodi u għodod ġusti, f'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà, għall-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija: kull livell ta' gvern fuq l-art għandu jingħata kompiti u responsabbiltajiet adegwati, u riżorsi adegwati fl-allokazzjoni tal-fondi; għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-appoġġ lil komunitajiet rurali żgħar. Il-Kumitat jappella wkoll għal inklużjoni akbar taċ-ċittadini, tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, tat-trade unions u tan-negozji, il-kondiviżjoni tar-responsabbiltajiet u tar-riżorsi fil-kisba tal-għan tal-ġlieda kontra d-degradazzjoni tal-ħamrija.

3.7. Għall-implimentazzjoni tal-istrateġija, il-Kummissjoni Ewropea tipprevedi l-adozzjoni ta' Liġi dwar is-Saħħa tal-Ħamrija. Madankollu, il-KESE jirrakkomanda li titwettaq il-valutazzjoni tal-impatt ippjanata, u li wara tittieħed deċiżjoni dwar l-aktar strumenti adatti. Il-KESE jirrakkomanda wkoll li l-qafas jibni fuq il-prinċipji li ġejjin, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti għall-partijiet interessati kollha li joperaw fis-setturi ekonomiċi marbuta mal-ħamrija u l-użu tagħha:

- li tingħata definizzjoni ċara ta' "ħamrija b'saħħitha", indikaturi u valuri ta' limitu żviluppati fuq bażi xjentifikament soda;
- li jiġu stabbiliti miri ċari għall-2030 ibbażati fuq id-definizzjoni ta' "ħamrija b'saħħitha";
- li jiġi żgurat livell adegwat ta' protezzjoni ambjentali u azzjoni klimatika;
- ir-rispett sħiħ tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, minħabba l-eteroġeneità tal-ħamrija, il-varjetà ta' użi u domandi għall-użu, il-kundizzjonijiet ġeoloġiċi, klimatiċi u tal-pajsaġġ differenti, kif ukoll il-perikli differenzjati u r-regoli nazzjonali diġà fis-seħħ;
- li l-miżuri dwar l-edukazzjoni, il-pariri, it-trasferiment tal-għarfien u l-inċentivi għall-ħarsien tal-ħamrija jingħataw priyorità aktar minn obbligi legali addizzjonali
- li l-piż amministrattiv għall-atturi kollha jinżamm f'livell raġonevoli, filwaqt li tiġi żgurata l-affordabbiltà tiegħu.

3.8. Il-proposta l-ġdida għall-protezzjoni tal-ħamrija għandha toħloq sinerġiji mal-leġiżlazzjoni dwar il-klima, l-ilma, l-arja u l-bijodiversità, kif ukoll mal-Politika Agrikola Komuni. Il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni tantiċipa l-preżentazzjoni tal-qafas sabiex tippermetti diskussjoni usa' tal-kontenut tagħha mal-partijiet ikkonċernati differenti, qabel ma titressaq għall-approvazzjoni finali fil-leġiżlatura attwali.

4. Kummenti speċifiċi

4.1. Fost il-forom ta' degradazzjoni tal-ħamrija, waħda mill-aktar severi u diffiċli biex titreġġa' lura ċertament hija t-teħid tal-art assoċjat mal-proċessi ta' urbanizzazzjoni: fil-perjodu 2012-2018, it-teħid tal-art fl-EU-28 seħħ b'rata ta' 539 km² fis-sena, bi 78 % tal-art meħuda għad-detriment taż-żoni agrikoli, u 13 % biss tal-iżviluppi urbani seħħew fuq art riċiklata⁽⁷⁾. Il-Kumitat jemmen li l-għan ta' "l-ebda teħid tal-art nett" sal-2050 għandu jkun akkumpanjat minn miri intermedji u realistċi iqsar, appoġġjati minn inċentivi biex jiġi mħeġġeġ l-użu mill-ġdid ta' insedjamenti abbandunati u r-restawr ta' uċuh issiġillati mhux użati. Il-miri biex jitnaqqas it-teħid tal-art għall-iżvilupp urban u l-infrastruttura jistgħu u għandhom iqisu l-iżviluppi demografiċi differenti fl-Istati Membri u r-reġjuni. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-protezzjoni u r-restawr tat-territorju kostali, b'mod partikolari x-xatt tal-Mediterran, li għadda minn proċessi estensivi ta' urbanizzazzjoni, li kkawżaw ħsara sinifikanti lill-bijodiversità u lit-turiżmu kostali.

4.2. Il-ħamrija mhux disturbata tal-ekosistemi naturali hija sors ewlieni ta' appoġġ għall-bijodiversità u riżerva tal-karbonju naturali, li l-istatus tagħha jrid jiġi ppreservat. Għal din ir-raġuni, il-Kumitat jemmen li l-Istrateġija dwar il-Ħamrija għandha tagħti priyorità lill-protezzjoni ta' tali ħamrija, u l-veġetazzjoni li tikber fiha, iż-żamma tal-integrità tagħha u tappoġġja l-ġestjoni tagħha permezz tat-trobbija adatta tal-annimali jew il-kultivazzjoni.

4.3. Għandu jingħata appoġġ speċifiku għaż-żamma ta' mergħat u bwar permanenti, peress li l-ġestjoni tajba tagħhom permezz ta' trobbija tal-bhejjem sostenibbli tista' tgħin biex tiġi ppreservata l-ħamrija b'livell għoli ta' karbonju tagħhom.

⁽⁷⁾ EEA (2020), Land take in Europe – Indicator assessment (It-teħid tal-art fl-Ewropa — Valutazzjoni tal-indikaturi — mhux disponibbli bil-Malti), <https://www.eea.europa.eu/data-and-maps/indicators/land-take-3/assessment>

4.4. Il-materja organika fil-ħamrija hija l-komponent ewlieni fir-regolamentazzjoni tal-ħila tal-ħamrija li tappoġġja livell għoli ta' bijodiversità u tipprovdi servizzi tal-ekosistema relatati mal-fertilità tagħha, kif ukoll li tikkostitwixxi stokk ta' karbonju li jitneħħa mill-atmosfera. It-tnaqqis tal-materja organika fil-ħamrija Ewropea huwa kawża ewlenija għal tħassib, l-aktar minħabba t-telf tal-fertilità u r-riskji ta' deżertifikazzjoni li dan jinvolti, iżda wkoll minħabba l-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jirriżultaw: għe kkalkolat li dawn jammontaw għal aktar minn 170 Mton ta' CO₂ fis-sena ⁽⁸⁾, jew aktar minn 4 % tal-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra tal-EU27, prinċipalment relatati mat-tibdil fl-użu tal-art tal-ħamrija organika u tat-torbiera. L-Istrateġija l-għdida dwar il-Ħamrija għandha tiżgura l-protezzjoni tat-torbieri u tal-artijiet mistagħdra, u tappoġġja lill-bdiewa permezz ta' forum ġodda ta' dħul biex jadottaw Prattiki, ibbażati fuq kunċetti agroekoloġiċi, li jiffavorixxu ż-żamma u ż-żieda tal-materja organika fil-ħamrija. It-tixrid tal-għarfien relatat mal-prattiki tajba u l-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija agrikola għandu jingħata prijorità, u jkun immirat b'mod partikolari lejn il-bdiewa ż-żgħar.

4.5. Minbarra l-importanza tal-materja organika fil-ħamrija, il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li jiġi evitat it-tnaqqis jew it-telf ta' nutrijenti minerali tal-ħamrija. L-użu tal-fertilizzanti jrid jiġi dożat skont il-ħtieġijiet tal-għelejje, b'mod li tiġi evitata l-applikazzjoni żejda u jiġi segwit tnaqqis ta' 50 % fit-tnixxja tan-nitroġenu u tal-fosforu mill-ħamrija sal-2030, f'konformità mal-miri tal-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt.

4.6. Il-ħamrija li ġarrbet kontaminazzjonijiet industrijali fil-passat jew riċenti għadha ta' theddida għas-saħħa pubblika u għall-istat kimiku tar-riżorsi tal-ilma; 2,8 miljun sit fl-UE għandhom ħamrija potenzjalment ikkontaminata, li madwar 390 000 minnhom jirrikjedu rimedju ⁽⁹⁾. Id-deċiżjonijiet dwar kif għandhom jiġu rrestawrati għandhom jittieħdu skont kriterji ta' rimedju sostenibbli u jkunu bbażati fuq analizzijiet tar-riskju speċifiċi għas-sit. Il-Kumitat jistenna li l-istrateġija tipprovdi, abbażi tal-aktar esperjenzi nazzjonali avvanzati, metodi omoġenji u kriterji għat-tweqqif ta' dawn il-proċeduri, sabiex jiġu evitati l-inkonsistenzi sinifikanti li jeżistu bejn regolamenti nazzjonali differenti.

4.7. Il-Kumitat, filwaqt li jirrikonoxxi li l-istrateġija tiffoka fuq il-kunċett ewlieni ta' "ħamrija b'saħħitha" ⁽¹⁰⁾, jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi żviluppata sistema ta' indikaturi effettivi biex tistabbilixxi b'mod ċar l-istatus tas-saħħa tal-ħamrija permezz ta' Indiċi tas-Saħħa tal-Ħamrija, il-miri ġenerali li għandhom jintlaħqu u l-artikolazzjoni tagħhom fir-rigward tad-diversità tal-kundizzjonijiet pedoklimatiċi Ewropej. Sabiex tiġi mmonitorjata l-kisba ta' dawn l-oġġettivi, iridu jkunu disponibbli għodod affidabbli biex jiġi stmat b'mod inekwivoku l-indiċi tas-saħħa tal-ħamrija fil-livell tar-roqgħa art individwali.

4.8. Il-Kumitat jisħaq fuq il-ħtieġa li jiżdied il-livell ta' sensibilizzazzjoni u għarfien dwar il-ħamrija, l-ekoloġija u l-funzjonijiet tagħha. Għal dan il-għan, huwa meħtieġ li jiġu appoġġjati programmi ta' informazzjoni għaċ-ċittadini u programmi edukattivi għall-iskejjel, kif ukoll taħriġ għall-bdiewa u, b'mod ġenerali, għall-professionisti li xogħolhom huwa marbut mal-art u l-ħamrija, f'żoni tradizzjonali jew emerġenti tal-bijoeconomija u tal-ekonomija ċirkolari, kif ukoll għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell lokali u reġjonali li minnhom jiddependu l-għażliet li jiddeterminaw il-bidliet fl-użu tal-art.

4.9. L-aċċess għal ħamrija b'saħħitha huwa essenzjali għal diversi setturi ekonomiċi; l-impjiegi u l-kompetittività m'għandhomx jiġu affettwati mill-implikazzjonijiet ekonomiċi u soċjali tal-istrateġija. B'mod partikolari, hemm bżonn li jiġi ssalvagwardjat id-dħul tal-komunitajiet u l-familji rurali li jiddependu mill-ħamrija għall-għajxien tagħhom. L-istrateġija għandha tiżgura distribuzzjoni ekwa tal-ispejjeż u l-benefiċċji fost il-partijiet ikkonċernati: il-gruppi u r-reġjuni vulnerabbli għandhom jiġu protetti, il-bdiewa ta' sussistenza għandhom jiġu appoġġati, u l-fondi għandhom jiġu allokati lill-komunitajiet fil-bżonn.

Brussell, it-23 ta' Marzu 2022.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽⁸⁾ JRC-KE (2015), *Soil threats in Europe: Status, methods, drivers and effects on ecosystem services* (It-Theddida għall-Ħamrija fl-Ewropa: l-istatus, il-metodi, il-fatturi u l-effetti fuq is-servizzi tal-ekosistema), rapport tekniku https://esdac.jrc.ec.europa.eu/public_path/shared_folder/doc_pub/EUR27607.pdf (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁹⁾ JRC-KE 2018, *Status of local soil contamination in Europe* (L-istatus tal-kontaminazzjoni lokali tal-ħamrija fl-Ewropa) <https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC107508> (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽¹⁰⁾ "Vision and objectives: achieving good soil health by 2050" (Viżjoni u oġġettivi: niksbu saħħa tajba tal-ħamrija sal-2050), Kummissjoni Ewropea 2021, *Strateġija tal-UE dwar il-Ħamrija 2030*, https://ec.europa.eu/environment/publications/eu-soil-strategy-2030_en